MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2007

Numru. 1025/2006

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONELLO
VS
JESMOND BRINCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jesmond Brincat, ta’ 35 sena, bin Joseph u Rose Marie nee’ Borg, imwieled Sliema nhar it-28 t’Awissu 1971, u residenti Gesu Maria, Triq il-Ferrovija il-Qaddiema, Balzan, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0384371(M), u akkuzat talli fl-1 ta’ Settembru 2006, ghal habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar (4.00pm), u fix-xhur ta’ qabel din id-data, minn Ta’ Qali Crafts Village, limiti tar-Rabat, Malta, ikkommetta serq ta’ affarijiet tac-ceramika u affarijiet ohra, liema valur huwa ta’ aktar minn mitt Lira Maltin (Lm100), izda anqas minn elf Lira Maltin (Lm1000), ghad-dannu tad-dirigenti ta’ Alka Ceramics ta’ Ta’ Qali Village, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 8) u tal-imputat (a fol 5) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 4).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, il-fatt illi huwa ‘a first offender’, u l-fatt illi l-imputat hallas il-pendenzi kollha li kellu mal-kwerelant fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------